**15 ta' Frar, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Pulizija

*versus*

Carmelo Bonnici

**Bejgħ ta' Oġġetti tal-Ikel fi Stat ta' Tħassir — Kontravvenzjoni — Bwona Fede — Dolċerija — Perizja — "Savoy Hotel" — Art. 3 u 198 tal-Kap. 54.**

*F'akkuża dwar bejgħ ta' oġġetti tal-ikel għall-konsum tal-bniedem li jkunu mħassra u mhux tajba, u ta' ħsara għas-saħħa, il-Qorti ma għandhiex tagħmel ebda riċerka dwar l-element intenzjonali ta' dan ir-reat; għax il-liġi rilevanti tikkwalifikah bħala kontravvenzjoni, u fil-kontravvenzjonijiet hija biżżejjed il-volontarjetà, għalkemm d'n tista' tkun eċċezzjonalment eskluża fil-każ ta' żball invinċibbli u essenzjali, u li jġib, dejjem eċċezzjonalment, il-bwona fede.*

*Imma b'dana kollu, jibqa' dejjem illi l-imputazzjoni f'każ sim'li għandha tiġi pruvata. Jekk il-provi li tressaq il-Prosekuzzjoni biex issostni akkuża sim'li jkunu svalorizzati minn perizja adoperata mill-Qorti, u l-konklużjoni tal-perizja ma tiġix infiċjata u l-Qorti taqbel magħha, l-imputazzjoni tibqa' mhux pruvata biżżejjed biex tirradika fil-Qorti l-konvinzjoni li l-ħwejjeġ tal-ikel kienu mħassra u mhux tajba għas-saħħa.*

*Fil-każ preżent', si trattava minn riċeviment li sar fl-okkażjoni ta' tieġ fis-Savoy Hotel; xi nies li k'enu mistednin, wara li kienu kielu xi "trifle" jew "krema" li kien hemm għall-konsum tal-mistednin, ħasshom ħażin; il-Pulizija akkużat l'l sid dak l-hotel, bħala inkarikat mill-fornitura tal-ħelu f'dak it-tieġ, talli biegħ oġġetti tal-ikel li kienu mħassra u mhux tajba għas-saħħa; il-Qorti tal-Maġistrati sabet lill-imputat ħati u kundannatu skond il-liġi; iżda l-Qorti tal-Appell sabet li hu ma kienx ħati ta' dik l-imputazzjoni u lliberatu.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija

quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imputat, talli fit-18 ta' Awissu 1957, f'tas-Sliema, Savoy *Hotel, biegħ ħwejjeġ tal-ikel għall-konsum tal-bniedem li* kienu mħassra, mhux tajba, u ta' ħsara għas-saħħa;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-16 ta' Ottubru 1957 li biha sabet l-imputazzjoni pruvata, u kkundannat lill-imputat għall-£5 multa;

Rat ir-rikors tal-imputat, li bih appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata u li hu jiġi liberat;

*Trattat l-appell*;

Ikkunsidrat;

L-imputazzjoni hi taħt l-art. 3 tal-Kap. 54 Ediz. Riv.;

It-teżi tal-Prosekuzzjoni hi bażata fuq dan li ġej:— (a) It-tabib dipartimentali Dr. Spiteri sab fi "trifle" li kien ġie elevat, u li hu analizza, il-mikro-organiżmu msejjaħ "Staphilococcus aureus"; (b) Membri tal-familja Galea ħassħom *ħażin fir-riċeviment tat-tieġ li fih il-ħelu ġie provvist* mill-imputat; (ċ) Skond Dottor Morana, l-uffiċjal sanitarju nkarikat bil-prosekuzzjoni tal-każ fit-termini tal-art. 193 Kap. 54, l-imputat għamel ħażin filli ma qiegħedx il-krema fil-"frigidaire" sakemm mela l-pasti eċċ. intiżi għar-riċeviment, u filli ma għattiex b'għatu tal-metall id-"dishes" tal-krema minflok ma għattihom, kif għamel, bil-filoxx;

Ikkunsidrat;

*Din il-Qorti ma għandhiex tagħmel ebda riċerka dwar* l-element intenzjonali ta' dan ir-reat; għaliex dan hu kontravvenzjoni skond l-art. 198 tal-liġi fuq ċitata, u hu risaput li fil-kontravvenzjonijiet hi biżżejjed il-volontarjetà, għalkemm din tista' tiġi eċċezzjonalment eskluża f'każ ta' żball invinċibbli u essenzjali, li jġib dejjem eċċezzjonalment il-bwona fede (ara, għall-prinċipju issa enunċjat, Appell Kriminali "Pulizija vs. Maria Borg", 26 ta' Marzu 1938, u d-diversi sentenzi fih ċitati). Il-pożizzjoni hi l-istess taħt il-Liġi Ingliża, li serviet ta' mudell għal dik Maltija; u anki

taħt dik il-liġi ma hemmx bżonn il-prova tal-"mens rea" (ara Food and Drugs Act, 1955, u l-kummenti tal-Jennings. Law of Food and Drugs, Ponsonby edit. 1956, p. 79, artikolu 8, u partikolarment in-nota paġina 84, fejn hemm riportat il-prinċipju, sanċit fil-Qorti Ingliżi, hekk espress:— "It is not necessary to prove that the defendant had personal knowledge that the food was unsound");

Ikkunsidrat;

Kwantu għall-ewwel addebitu, kostitwenti l-imputazzjoni fil-każ partikulari, "uti supra";

Hu forsi utili, qabel xejn, li jingħad li t-"trifle" li jifforma l-bażi tal-inkriminazzjoni kien "elevat fil-għaxija għal xi d-disgħa ta' bil-lejl" tal-ġurnata li fiha "fil-għodu" sar it-tieġ (ċjoè, it-18 ta' Awissu — il-Ħadd), u ġie eżaminat mill-analitiku "il-ġurnata ta' wara", wara li tqiegħed ġewwa kaxxa fil-Cold Stores. L-istess "trifle" ġie elevat mhux mill-poter tal-imputat, imma mill-poter ta' ħadd ieħor, għalkemm mhux kontestat li kien wieħed minn dawk magħmula mill-imputat. Għad li, stante ċ-ċirkustanzi talkaż, ma jistax jingħad li dan kien dak li jissejjaħ "unfair sampling", però, in vista tas-sħana eċċezzjonali f'dak iżżmien (mean temperature 87.25, maximum shade temperature 95F., night 75), kienet tipprospetta ruħha d-deżiderabbilità ta' eżami aktar sollecitu;

Dan l-ewwel addebitu ma jidherx li jista' jiġi b'sikurezza ammess bħala bażi tal-inkriminazzjoni, għaliex jinsab svalorizzat mill-konklużjonijiet tal-perizja kostitwita mill-Qorti. Ġie infatti rilevat mill-perizja li hemm diversi varjetajiet tal-mikrobu fuq imsemmi; iżda, skond Harvey and Hill, fit-text-book "Food Hygiene", żewġ varjetajiet biss huma ritenuti kapaċi li jipproduċu "food-poisoning", ċjoè il-"Coagulate-Positive" u l-"Bacteriophage Type", magħrufin bħala 6/47 u 42D. Mix-xhieda ta' Dottor Spiteri ma jirriżultax f'mod speċifiku li t-tip ta' mikro-organiżmu li hu sab fit-"trifle" kien ta' waħda minn dawn iż-żewġ varjetajiet partikulari, u l-periti esprimew l-opinjoni (li l-Qorti tikkondividi) li, fin-nuqqas ta' din il-prova speċifika, hu perikoluż li wieħed jikkonkludi li l-mikrobu misjub fit-

"trifle" kien "pathogenic". Din l-osservazzjoni tal-perizja hi msaħħa bl-oħra li, skond esperimenti tekniċi tal-awturi in materja, jeħtieġ li jgħaddu madwar 26 sigħa mill-"inoculation" u konsum qabel ma jistgħu jidhru sintomi ta' "food-poisoning". F'dan il-każ, il-każijiet ta' xi erbgħa jew ħamsa minn-nies li ħasshom ħażin ivverifikaw ruħhom immedjatament, jew kważi immedjatament;

Kwantu għat-tieni addebitu;

Mill-kwantità ta' mistednin għar-riċeviment, il-provi jirrigwardaw biss xi membri tal-familja Galea. Issemmiet, bla ma ntqal min kienet, tifla oħra; imma ssemmiet anki fis-sens li ommha qaltilha il-kliem "għax int kilt ħafna". Wieħed minn dawn il-membri tal-familja Galea kien għadu kemm ifieq minn operazzjoni fl-istonku tiegħu, u kien reċentement ibati b'disturbi, tant li kellu fuqu pilloli għal kontra dawn id-disturbi. Di pjù, hu jgħid li ħassu ħażin immedjatament, mentri l-possibbiltà ta' ħass ħażin "immedjat" minħabba l-mikrobu fuq imsemmi hi eskluża mill-perizja, u f'ċertu mod anki minn Dottor Spiteri. Il-membri l-oħra tal-familja ħasshom ħażin ferm qabel ma għadda ż-żmien li, skond il-perizja, suppost li għandu jgħaddi biex il-mikrobu jkollu effett, ċjoè 26 sigħa. Ma jirriżultax li ħassu ħażin ħadd ieħor; u hu ċert li ebda prova ma nġiebet dwar daqshekk; kif lanqas ma jirriżulta li ħassu ħażin xi ħadd minn nies privati, jew tal-istituti li wara ngħata lilhom dak li fadal. Intant kien hemm għall-konsum tliet mitt brijoxx, tliet mitt kannol, sitt "trifles", u ħafna ħelu ieħor, barra xi sitt mitt pasta. Mis-sitt "trifles" (aktar mimlijin, kif xehed l-appellant, bl-istess krema), baqa' wieħed biss mhux konsumat (dak li ġie elevat mhux minsus);

Intant, mill-ħamsa l-oħra setgħu jitqassmu porzjonijiet għall 150 ruħ, u ħadd, li preżumibbilment kiel minnhom, ma rriżulta li ħassu ħażin — liema ċirkustanza tindebbolixxi ferm l-argument tal-Prosekuzzjoni li, għalkemm it-"trifle" analizzat kien għadu sħieħ, u kwindi ħadd ma kiel minnu, eppure l-krema ta' ġewwa fih kienet preżumibbilment fit-"trifles" l-oħra. Kien għalhekk li l-periti kkonkludew, fuq dan il-pont, bil-kliem:— "L-ilmenti tal-'food-poisoning' fil-każ in kwistjoni ġew minn membri tal-istess

familja, ċjoè il-familja Galea. Barra mill-każ mhux stabbilit ta' tifla żgħira li kienet fit-tieġ, ma kien sar ebda lment ieħor. Din mhijiex ħaġa komuni, u tippermetti li wieħed jaħseb illi l-familja Galea kienu kielu ikel ieħor flimkien band'oħra mit-tieġ. L-ebda membru tal-familja Galea ma kien kiel mit-"trifle" li fih instabu li "staphilococci". L-analista kien sab il-ħelu l-ieħor liberu minn materjal noċiv;

Għalhekk il-Qorti ma tistax toqgħod fuq dan it-tieni addebitu;

Kwantu għat-tielet addebitu;

Ikkunsidrat;

Irriżulta li, peress li t-tieġ kien għall-Ħadd filgħodu, il-krema ssajret is-Sibt fil-għaxija. Il-perizja kkonfermat ix-xhieda tal-appellant, filli rriteniet, wara li għamlet l-esperiment meħtieġ, li krema bħal dik in kwistjoni biex tibred u tiksaħ, kunsidrata t-temperatura ta' 87 gradi F., tieħu madwar il-ħames sigħat, u tieħu madwar is-sitt sigħat fl-ambjent minimu tat-temperature ta' 75 gradi F. (ara temperatura fl-okkażjoni in kwistjoni kif aċċertata mix-xhud Formosa). Il-periti opinaw li, jekk krema ta' din il-kwalità titqiegħed fil-"frigidaire" qabel ma tibred, mhux biss issir ħsara fil-krema stess, li ssir qiesha folja elastika, mhux tajba aktar għax-xogħol tal-pasti eċċ., imma tfixkel il-funzjonament normali tal-istess "frigidaire", li jiddefrostja; tant li, fost it-twissijiet tad-ditti manufattriċi hemm dik li ma jiġux imdaħħla fil-"frigidaire" affarijiet sħan ħafna. Il-periti relaturi ġew ukoll għall-konklużjoni, in bażi għall-ispjegazzjonijiet minnhom mogħtijin, *li kieku* l-krema tqegħdet f'reċipjent b'għatu tal-metall, kien jiġi prodott għaraq mill-fwar tal-krema, li kien iħassar l-istess krema, u li kien ferm aħjar li d-"dishes" tal-krema jiġu mgħottija, kif fil-fatt ġew mgħottija, bil-filoxx. L-appellant qal li din hi l-prattika tad-dolċieri. Għalhekk, in-nuqqas imsemmi minn Dottor Morana lanqas jista' jiġi aċċettat;

Min dan kollu li ngħad jiġi illi l-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni ġew żvalorizzati mill-konklużjonijiet tal-perizja,

u kontra dawn il-konklużjonijiet ma saru ebda kommenti speċifiċi mill-Prosekuzzjoni (ara verbali fol. 31 u fol. 32). Għalhekk, ġa ladarba dawk il-provi tal-Prosekuzzjoni ġew infiċjati mill-perizja, ma jistax jingħad li l-Prosekuzzjoni rraġġunġiet dik il-prova suffiċjentement soddisfaċenti biex tirradika fil-Qorti l-konvinzjoni li l-ħwejjeġ tal-ikel mibjugħa mill-imputat kienu mħassra u mhux tajba għas-saħħa;

Sempliċement għall-isfond tal-kawża, jista' jiżdied:—

1. Il-periti rrilevaw li dak inhar kienet sħana eċċezzjonali, minn dawk li tagħmel aktar spissi każijiet ta' "food-poisoning"; u kwindi mhijiex ħaġa strana li fost il-kwantità ta' mistednin kien hemm il-każ iżolat ta' dawk il-membri ta' dik il-familja, li talvolta setgħu ħasshom ħażin minħabba xi ikel ieħor li ma kienx dak fornit fit-tieġ;

2. L-imputat ilu jaħdem ta' dolċier mat-tletin sena, u qatt f'dan iż-żmien ma kellu ebda nkwiet man-nies jew mas-Sanità fuq il-ħelu minnu fornit. Hu jkollu l-kummissjoni ta' fornituri għal xi tnax il-tieġ fil-ġimgħa. L-istess Dottor Morana, dippjù qal li mhux talli l-lokal tal-imputat hu miżmum skond ir-regolamenti, iżda anzi li hu miżmum bil-lussu;

Għar-raġunijiet fuq imsemmija;

Tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara l-imputat mhux ħati, u tordna li jiġi liberat.